# Kompożituri li taw xogħolijiet kbar lil pajjiżna



Odette Fsadni

## Anton Nani

Anton Nani twieled ġewwa l-Belt Valletta, f'Ottubru ta' l-1843. Huwa rċieva l-ewwel ftit lezzjonijiet mingħand misieru Dr. Paola Nani. Anton kompla l-istudji tiegħu ma' Fr. Spiteri Fremond. Ta' età żgħira, huwa ħalla Malta u mar Napli u hemm studja f'diversi oqsma tal-mużika. Tnejn mill-għalliema li segwewh kienu Agnello Barbuti u Nicola De Giosa.

Nani kkompona ħafna tipi ta' mużika, fosthom sagra u tliet opri. Zorilla, opra ta' tliet atti u l-kliem ta' A. Spadetta, hija waħda mix-xogħolijiet famużi tiegħu. It-tieni opra hija I Cavallieri di Malta li kienet ġiet ippremjata fl-1879 fit-Teatru Rjal u s-surmast ta' l-orkestra kien Nani stess. It-tielet opra hija l-Agnese li hi f'erba' atti u kliem ta' E. Golascione. Din l-opra kienet imdaqqa fit-Teatru San Carlo u ħafna drabi ndaqqet f'teatri Maltin ukoll. Anton Nani miet fil-25 ta' Frar ta' l-1929.

## Charles Camilleri

Charles Camilleri twieled il-Ħamrun fl-1931. Hu beda l-istudju mużikali tiegħu f'Malta u ta' ebatx-il sena ħa xi lezzjonijiet mingħand Carmelo Pace u Paola Nani. Camilleri kkompona ħafna xogħolijiet li fosthom jinkludu il-"Malta Suite" u l-"Maltese Dances". Dawn iż-żewġ xogħolijiet huma l-aktar famużi ta' Camilleri. L-aktar xogħol riċenti huwa "Campostella" li l-kliem huwa ta' Peter Serracino Inglott u li kienet lesta fl-1989.

Ix-xogħolijiet kbar ta' Camilleri għadhom jindaqqu f'kunċerti kbar mad-dinja kollha. Bil-kapaċità tiegħu bħala kompożitur, surmast ta' orkestri u anke għalliem. Camilleri mar f'ħafna pajjiżi bħall-Ewropa, l-Iscandinavia, l-Amerika, il-Kanada, il-Ġappun u l-Awstralja.

## Carmelo Pace

Carmelo Pace twieled il-Belt Valletta fl-1906. Huwa tgħallem għand diversi għalliema famużi bħal Vincent Ciappara, Carlo Fiamingo u Thomas Mayne. Pace f'Malta hu meqjus bħala wieħed mill-għalliema u l-kompożituri tal-mużika ta' livell għoli ħafna. Carmelo ġie mogħti bosta merti għal ħafna xogħolijiet mużikali, kemm f'Malta u anke barra minn xtutna.

Pace ikkompona erbà opri, Caterina Desguanez, I Martiri, Angelica u Ipogeana. Għamel xogħolijiet għall-palk, għall-kunċerti bil-pjanu, għall-ballets u sinfoniji. L-ewwel arranġamenti li saru għall-mużika Maltija kienet saret minnu u kienu ndaqqu fl-1931. Ħafna xogħolijiet ta Pace indaqqu f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa, fl-Indja, l-Arġentina, l-Amerika u anke l-Ġappun.